MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 33/2006/1

**Tarek Mohammed Ibrahim**

**v.**

**Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta’ l-Expatriates**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tar-rikorrent minn sentenzi moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-28

ta’ Frar 2007, fil-11 ta’ Jannar 2008 u fil-5 ta’ April 2011 li permezz taghhom it-talbiet kollha maghmula mir-rikorrent gew michuda.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tannetti kopja tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta’ April 2011 bhala Appendici A.

**<u>Rikors tal-Appell tar-rikorrent appellant</u>**

**3.** Ir-rikorrent appellant hassu aggravat bis-sentenzi surreferiti u interpona appell minnhom quddiem din il-Qorti sabiex tirrevoka z-zewg sentenzi u decizjoni li minnhom appella, u tiddikjara li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni huma applikabbili ghall-kaz prezenti u ghalhekk tibghat lura l-atti sabiex jingabru l-provi fir-rigward ta’ dawn l-ilmenti u tordna li kopja tar-rapport tal-Kumitat ta’ Inkjesta dwar ir-rikorrent jitqieghed fl-atti tal-kawza u tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tieghu gew ivvjolati.

**4.** **<u>Dwar is-sentenza tat-28 ta’ Frar 2007</u>** l-appellant ressaq dawn l-aggravji:

i. L-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari taghha minflok iddecidiet biss dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ghal kaz in ezami, fir-rigward tal-Artikolu 8 iddecidiet ukoll li ma kien hemm ebda ksur ta’ dak l-artikolu u b’hekk iddecidiet il-mertu.

ii. L-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddecidiet li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni ma kinux applikabili.

iii. L-ewwel Qorti wkoll kienet skorretta meta ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. F’dan il-kaz, skont l-appellant, kien japplika wkoll l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 li jirrikjedi protezzjoni anke ghal *“alien lawfully resident in the territory of a state”.*

**5.** **<u>Dwar id-decizjoni tal-11 ta’ Jannar 2008</u>** l-appellant ressaq dan l-aggravju:

i. L-ewwel Qorti kellha tippermetti l-ezibizzjoni ta' kopja tar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' Inkjesta billi l-provi fir-rigward ta' diskriminazzjoni kienu jiddependu minn dan ir-rapport.

**6.** **<u>Dwar is-sentenza tal-5 ta' April 2011</u>** l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet li ma saret ebda diskriminazzjoni kontra tieghu.

**<u>Risposta tal-Appell tal-intimati appellati</u>**

**7.** L-appellati pprezentaw ir-risposti taghhom u wiegbu ghar-rikors tal-appell billi sostnew li s-sentenzi appellati huma gusti u jimmerita konferma u ghar-ragunijiet minnhom esposti u ghalhekk talbu li l-appell interpost jigi respint u michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Fatti mertu tal-kawza</u>**

**8.** Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula tajjeb mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza hija annessa ma' din is-sentenza. Bazikament l-appellant qed jikkontesta t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**9.** **<u>Dwar is-sentenza tal-28 ta' Frar 2007</u>**, billi l-ewwel u t-tielet aggravji fuq din is-sentenza huma relatati u t-tnejn jirrigwardaw l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra t-tieni aggravju dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni imbaghad taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-aggravji dwar l-Artikolu 8.

**10.** **<u>Fit-tieni aggravju</u>** l-appellant jghid li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni dwar smigh xieraq fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta ma kinux applikabili. Jghid li ghalkemm huwa

veru li l-ghoti u t-tnehhija tac-cittadinanza huma kwistjonijiet ta’ dritt pubbliku, il-proceduri li jsiru quddiem il-Kumitat ta’ Inkjesta taht il-Kap. 188 – li hija ligi ordinarja - jridu jsegwu d-dettami tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. F’dan il-kaz huwa ma nghatax kopja tar-rapport tal-Kumitat li kien jirrigwardah ghalhekk, skont l-appellant, gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

**11.** Mhux kontestat mill-partijiet li: *“Decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant’s civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 para.1 of the Convention”.*[1]

**12.** Gie deciz fil-kawza **Abera Woldo Hiwot et v. il-Professur Dr. Henry Frendo et** fit-18 ta’ Novembru 2004, “hija gurisprudenza stabbilita illi l-proceduri dwar tkeccija ta’ min mhuwiex cittadin tal-pajjiz ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar drittijiet civili, u ghalhekk ma ntlaqtux mill-provvedimenti dwar smigh xieraq”.

**13.** Il-Kumitat ta’ Inkjesta la huwa ‘Tribunal’, la huwa ‘Qorti’ u lanqas ‘awtorita`’ mwaqqfa b’ ’ligi’ ai fini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni[2]. Din il-Qorti fil-kaz **Josric Mifsud v. Prim Ministru et** deciza fl-14 ta’ Dicembru 2009 li kien jitratta dwar l-applikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fir-rigward ta’ Bord ta’ Dixxiplina fil-Korp tal-Pulizija, ghamlet konsiderazzjonijiet li jistghu jigu applikati anke f’dan il-kaz. Il-Qorti kienet qalet hekk:

“Fil-kaz in dizamina il-punt li gie determinat mill-Prim Awla kien jekk il-konkluzjoni tal-Bord setghetx titqies bhala “direttament deciziva” ta’ tali drittijiet jew obbligi:

[1] Maaouia Grand Chamber case – 5/10/200 u Taheri Kandomabadi 29/6/2004. Skont van Dijk & Van Hoof. Theory and Practice of the European Convention on Human Rights. 4th Edition this position is still standing case law (pagna 530).

[2] In-nozzjoni ta’ “drittijiet u obbligi civili” hija identika kemm fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni .

*““Civil rights or obligations must be the object or one of the objects of the dispute and the result of the proceedings must be directly decisive for such a right.”* [3]

“Il-Bord ta’ Dixxiplina jistabilixxi biss il-fatti dwar dawk ir-reati dixxiplinari, u ma jista’ jesprimi ebda rakkomandazzjoni dwar il-konsegwenzi li ghandhom isegwu ghall-fatti hekk minnu stabbiliti. Huwa l-Kap tad-Dipartiment – f’dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija – li, wara li jircievi r-rapport tal-Bord dwar l-istharrig li l-istess Bord ikun ghamel, irid jappplika mohhu billi fid-dawl ta’ dawk ir-rizultanzi issa jiddeciedi x’ghandha tkun il-konsegwenza.”

**14.** Fil-kaz in ezami l-Kumitat ta’ Inkjesta ma jiddecidix finalment kwistjonijiet dwar jeddijiet u obbligi civili fir-rigward tat-tnehhija tac-cittadinanza izda jaghmel biss rakkomandazzjoni lill-Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern li jista’ jaghzel li jaccetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat. Huwa biss il-Ministru li jaghti d-decizjoni finali dwar it-tnehhija tac-cittadinanza. Ghalhekk l-fatt li l-appellant ma nghatax kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat jew tax-xhieda moghtija quddiem l-istess Kumitat ma jiksirx l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**15.** Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**16.** **<u>Fl-ewwel u t-tielet aggravju tieghu</u>** dwar din is-sentenza preliminari l-appellant isostni li l-ewwel Qorti minflok iddecidiet biss dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghal kaz in ezami, ddecidiet li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 u b’hekk iddecidiet il-mertu wkoll.

**17.** L-appellati wiegbu li fis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2007 il-Qorti ma dahlitx fil-mertu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni izda llimitat ruhha dwar l-applikabilita` tal-istess artikolu.

**18.** Din il-Qorti rat l-atti tal-kawza u ssib li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma kienx japplika

[3] Lecompte, van Leuven and De Meyere v Belgium 23/6/1981.

billi dak l-artikolu ma jistax jigi invokat stante li l-ghoti jew tnehhija tac-cittadinanza mhux dritt li johrog mill-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 billi, skont il-Qorti, dan l-artikolu ma kienx japplika.

**19.** Illum il-gurnata pero` huwa stabbilit mill-Qorti ta' Strasbourg illi ghalkemm:

*"The provisions of Article 8 do not guarantee a right to acquire a particular nationality or citizenship. Nevertheless, the Court has previously stated that it cannot be ruled out that an arbitrary denial of citizenship might in certain circumstances raise an issue under Article 8 of the Convention because of the impact of such a denial on the private life of the individual". (see Karassev v. Finland (dec.), no. 31414/96, ECHR 1999-II, and Slivenko v. Latvia (dec.) [GC], no. 48321/99, § 77, ECHR 2002-II). Geneovese v Malta 11.10.2011.*

**20.** Ghalhekk l-Artikolu 8 ma jistax jigi eskluz a priori minhabba r-raguni biss li d-dritt ghac-cittadinanza mhux wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni imma kellu jigi mistharreg mill-Qorti jekk kienx hemm, fil-kaz in ezami, arbitrarjeta` fit-tnehhija tac-cittadinanza. F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta li huwa ma nghatax l-opportunita` li jressaq dawn il-provi fuq il-mertu taht l-Artikolu 8 (fosthom it-theddida ta' Anna Grech li ggieghel lill-awtoritajiet ikeccuh minn Malta) billi l-ewwel Qorti ddecidiet mill-ewwel li l-Artikolu 8 ma kienx japplika.

**21.** Fuq dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun. Ghalhekk din il-lanjanza tal-appellant ghandha terga' tigi mistharrga mill-ewwel Qorti biex l-appellant ikollu l-opportunita` jressaq il-provi tieghu fir-rigward biex il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienx hemm arbitrarjeta` fl-ordni ta' tnehhija tac-cittadinanza tieghu u konsegwentement jekk possibilment kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**22.** Taht dan l-aggravju l-appellant jilmenta wkoll li f'dan il-kaz kien japplika **l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7.** Jghid li bhala Third Country National, huwa ilu jghix f'Malta ghal

aktar minn 5 snin u ghalhekk huwa intitolat ghal *status* ta' Long Term Resident. Inoltre l-Protokoll 7 jipprotegih anke bhala *"alien lawfully resident in the territory of a state".*

**23.** F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li l-lanjanza taht dan l-Protokoll ma gietx imressqa quddiem l-ewwel Qorti u din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ghandha tiskarta din is-sottomissjoni. Infatti kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Tabone et v. David Tabone et** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, *"Din il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta' provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan li stadju fuq materja gdida li ma kienitx mertu tas-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta' l-appell li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti".*

**24.** Nonostante dan pero`, u billi saret risposta mill-appellati fuq dan il-punt, ghalkemm huma fl-istess waqt oggezzjonaw ghal dik il-linja difensjonali gdida, il-Qorti xorta hi tal-fehma li l-appellant m'ghandux ragun.

**25.** L-ewwelnett jekk l-appellant jippretendi li ghandu xi jedd taht ir-Regolament dwar *status* ta' resident li joqghod ghal zmien twil (L.S.) 217.95) huwa messhu fittex rimedju taht dak ir-regolament u mhux mexa mill-ewwel bir-rimedju straordinarju kostituzzjonali u konvenzjonali.

**26.** Dwar is-sottomissjoni l-ohra, l-appellant mhux qed jikkontesta li d-decizjoni tal-Ministru dwar l-ghoti u t-tnehhija tac-cittadinanza hija finali u "ma tkunx suggetta ghal appell jew revizjoni f'xi qorti" (Artikolu 19 tal-Kap

188), izda jghid li skont il-Protokoll 7 hu protett bhala *"alien lawfully resident in the territory of a state[4],"*

***27.*** Ghar-rigward tal-Artikolu 6, fil-kaz **Maaouia** l-Qorti ta' Strasbourg *"concluded that from Article 1 of Protocol 7, which contains procedural guarantees for the expulsion of aliens, the States were aware that Article 6 para. 1 did not apply to procedures for the expulsion of aliens"* (para 36) u *"the fact that the exclusion order incidentally had major repercussions on the applicant's private and family life, cannot suffice to bring those proceedings within the scope of civil rights protected by Article 6 (1) of the Convention".*

***28.*** Inoltre skont l-awturi Van Dijk & Van Hoof lanqas ma huwa car mit-test tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 u l-Explanatory Note tieghu kemm dan jista' jigi kkunsidrat bhala xi *lex specialis* fir-rigward tal-garanziji procedurali taht l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6[5]. Huma jsostnu li *"the statement in the Explanatory Note (tal-Protokoll 7) only refers to deportations and, thus, does not give ground for any conclusion as to alien procedures in general[6]."*

**29.** Fil-kaz in ezami l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 ma japplikax principalment billi l-appellant kien gie nfurmat mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expartriates li kien hemm il-hsieb li ssir ordni a tenur tal-Artikolu 14(1) tal-Kap. 188 biex tittiehidlu c-cittadinanza Maltija u r-rikorrent kien deher quddiem Kumitat ta' Inkjesta li wara li kien sema l-kaz tieghu, ghadda r-rakkomandazzjoni tieghu lill-appellant[7].

---

[4] Salvagwardji procedurali li ghandhom x'jaqsmu mat-tkeccija ta' frustieri 1. Frustier li jkun b'mod legittimu residenti fit-territorju ta' xi Stat ma ghandux jigi mkecci minn dak l-Istat hlief b'konsegwenza ta' xi decizjoni maghmula skont il-ligi u ghandu jkun permess:

a. li jipprezenta r-ragunijiet tieghu ghaliex ma ghandux jitkecca,
b. li jkollu l-kaz tieghu rivedut, u
c. li jkun rapprezentat ghal dawn ir-ragunijiet quddiem l-awtorità kompetenti jew xi persuna jew persuni li jigu msemmija minn dik l-awtorità.

[5] Dijk & Van Hoof. Fol. 531.
[6] Fol. 531.
[7] Foll. 78-81.

**30.** Ghalhekk l-aggravju taht Artikolu 1 tal-Protokoll 7 qed jigi michud.

**31.** **<u>Dwar id-decizjoni tal-11 ta' Jannar 2008</u>** l-appellant ressaq l-aggravju li l-ewwel Qorti ma ppermettietx l-ezibizzjoni ta' kopja tar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' Inkjesta u ghalhekk ma setax igib provi fir-rigward ta' diskriminazzjoni li kienu jiddependu minn dan ir-rapport.

**32.** Rigward dan l-aggravju jigi rilevat li fil-premessi tieghu fir-rikors promotur l-appellant iddikjara li d-Dipartiment tac-Cittadinanza ilu 'l fuq minn tliet snin ma jmexxi kontra xi ragel jew mara sabiex titnehhielu c-cittadinanza Maltija u dan minkejja numru kbir ta' sentenzi li ddikjaraw li z-zwieg li sar kien wiehed ta' konvenjenza. Kien jispetta lill-appellant li jgib din il-prova dwar dan, indipendentement mill-kopja ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat, li wara kollox kienet bazata fuq zwieg ta' konvenjenza, izda din il-prova ma ngabitx. L-intimati spjegaw il-procedura li tigi segwita ma jingiebx a konjizzjoni taghhom kaz dwar zwieg ta' konvenjenza . Inoltre kif gja` nghad l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar diskriminazzjoni giet abbinata ma' l-Artikolu 6 u diga` gie deciz li dan l-artikolu ma japplikax fil-kaz in ezami.

**33.** Dan l-aggravju qed jigi michud.

**34.** **<u>Dwar is-sentenza tal-5 ta' April 2011</u>** l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet li ma saret ebda diskriminazzjoni kontra tieghu. Hu jghid li kien hemm hafna kazijiet ta' zwieg ta' konvenzjenza izda ftit biss, fosthom tieghu, fejn ttiehditilhom ic-cittadinanza. Ghalhekk l-Istat naqas li jittratta persuni f'qaghda simili jew identika b'mod ugwali.

**35.** Illi l-appellant ibbaza l-ilment tieghu dwar diskriminazzjoni fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni biss. Illi mir-rikors tal-appell pero` ma jirrizultax li r-rikorrent qed jappella fuq dan l-artikolu tal-ligi billi fl-appell tieghu talab biss li din il-Qorti tirrevoka s-sentenzi u decizjoni li minnhom appella, u tiddikjara li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8

tal-Konvenzjoni huma applikabbili ghall-kaz prezenti, izda mkien ma jsemmi l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**36.** Ghal kull buon fini pero` din il-Qorti wara li rat l-atti tal-kawza xorta wahda tikkondividi l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li ma kienx hemm u lanqas gie ppruvat li kien diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellant bl-ghoti ta' xi trattament differenti minn persuni ohra li kienu f'posizzjoni simili ghal tieghu u dan minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Jirrizulta li kien hemm kazijiet ohra ta' persuni ta' nazzjonalita` diversa fejn iz-zwieg taghhom gie dikjarat ta' konvenjenza u l-intimati mxew bl-istess mod maghhom kif imxew ma' l-appellant.

**Decizjoni**

**37.** Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell fir-rigward tad-decizjoni tal-11 ta' Jannar 2008 u tal-5 ta' April 2011; tichad l-appell fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta' Frar 2007 fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja; u tirrevoka l-istess sentenza limitatament ghall-Artikolu 8 u tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel Qorti biex tiddeciedi jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif spjegat supra.

**38.** Spejjez ta' dan l-appell jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**Geoffrey Valenzia** **Giannino Caruana Demajo**
**Tonio Mallia**
**Agent President** **Imhallef**
**Imhallef**

Deputat Registratur
Lb

## Appendici A

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 33/06, fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahim v. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern et** deciza fil-5 ta' April 2011, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Appendici A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------